MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 53/2003

Fl-Atti tal-Estradizzjoni fl-ismijiet

Il-Pulizija

vs

Romeo Bone

Il-Qorti,

Rat it-talba tal-Ispetturi tal-Pulizija Neil Harrison u Norbert Ciappara tal-20 ta' Novembru, 2002 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja (F'dan l-Att ta' Estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti) sabiex tipprocedi fil-konfront tal-imsemmi Romeo Bone ai termini tal-Artikoli w dispozizzjonijiet tal-Kap.276 tal-Ligijiet ta' Malta Dwar l-Estradizzjoni .

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti tas-26 ta’ Marzu, 2003, li biha wara l-ddikjarat li kienet sodisfatta , wara li semghet il-provi w ghamlet il-konsiderazzjonijiet imsemmija fl-istess decizjoni, li kollox kien isostni t-talba ghat-treggieh lura ta’ Romeo Bone u li ma hemm l-ebda ostakolu ghal dan it-treggieh lura , batet lil din il-persuna taht kustodja ghal fini tat-treggiegh lura lejn ir-Repubblika tal-Italia , skond il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta , batet l-atti lill-Avukat Generali w gharfet lill-persuna imsemmija bil-jeddijiet taghha skond l-artikolu 16 tal-Kapitolu 276 igifieri gharrfitha li ma kienetx ser titregga’ lura qabel ma jghaddu hmistax l-jum mid-data ta’ dik l-Ordni ta’ Kustodja w li tista’ tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali w jekk jidhrilha li xi wahda mid-dispozizzjonijiet tas- subartikolu (1) u (2) tal-artikolu 10 ta’ dak l-Att giet miksura jew xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta tkun giet jew x’aktarx ser tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka , l-annullament jew il-modifika tal-Ordni tal-Kustodja tal-Qorti, hija ghandha dritt li titlob rimedju skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni , u billi l-Qorti giet mgharrfa li l-persuna msemmija ghaddejja minn proceduri ohra , l-istess persuna m’ghandhiex titregga’ lura skond l-imsemmi Att jew tintbaghat jew tinzamm f’kustodja ghal fini ta’ dak it-treggieh lura , sakemm ma tkunx giet mehlusa b’liberazzjoni jew meta tkun skontat is-sentenza jew xort’ ohra, dejjem skond il-kaz , u ordnat li l-process u kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-estradand Romeo Bone minnu prezentat fl-1 t’ April, 2003, fejn talab li din il-Qorti joghogobha :-

1. tiddikjara li l-proceduri fl-ismijiet fuq premessi li saru fil-konfront tieghu w li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti nhar is-26 ta’ Marzu, 2003, nulli u konsegwentement minghajr ebda effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u
2. Minghajr ebda pregudizzju w fl-eventwalita’ li ma tintlaqax l-ewwel talba tieghu, tirrevoka w thassar l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti moghti nhar is-26 ta’ Marzu, 2003, fil-proceduri fl-ismijiet

fuq premessi w konsegwentement tordna li l-appellant jigi liberat fit-termini tal-Artikolu 18(1) u (4) tal-Kap.276.

Rat illi fil-qosor l-aggravji tal-estradand appellant huma s-segwenti :-

Fl-ewwel lok li l-proceduri huma difettuzi w nulli w konsegwentement minghajr ebda effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi billi kuntrarjament ghal dak li jiddisponi l-artikolu 15 (4) tal-Kap. 276 u l-artikolu 401 tal-Kap.9 ma intalbitx proroga meta ghalqu x-xaharejn fl-20 ta' Jannar, 2003 u lanqas meta regghu ghalqu xaharejn ohra fl-20 ta' Marzu, 2003 u li dan id-difett ma setax jigi sanat bir-rinviju maghmul fit-termini tal-artikolu 432 (2) tal-Kap.9 liema rinviju qatt ma messu sar in ogni caso u ghaliex ukoll l-Avukat Generali ma setax jirritorna l-atti u jitlob li jinstemghu mill-gdid il-provi ghax din id-dispozizzjoni tapplika biss ghall-proceduri fejn ikun ser jigi prezentat att t'akkuza . Inoltre l-Qorti Rimandanti ma setghetx tiddikjara li d-difetti procedurali gew sanati u tghaddi biex taghti d-decizjoni fuq it-treggiegh lura o meno tal-estradand .

Fit-tieni lok l-estradand ma ghandux jitregga' lura skond dak li jipprovdi l-artikolu 10 (2) tal-Kap.276 ghaliex ghandu proceduri pendenti f' Malta fuq l-istess fatti li ghalihom qed tintalab l-estradizzjoni u meta finalment ser jintbaghat l-Italia sabiex jirrispondi ghar-reati li dwarhom qed tintalab l-estradizzjoni tieghu , huwa ser ikun diga' gie processat hawn Malta ghall-istess fatti u jkun f'pozizzjoni li jeccepixxi l-eccezzjoni ta' "ne bis in idem" u l-artikolu 10 (2) jghid li f'dik l-eventwalita' persuna m'ghandhiex tigi estradita.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduta tal-24 t' April, 2003,

Rat in-Nota ta' osservazzjonijiet tal-Avukat Generali tat-8 ta' Mejju, 2003 u dik ta' Romeo Bone tat-30 ta' Mejju, 2003 ;

Ikkonsidrat ;

Illi hu ovvju li l-ewwel aggravju li jrid jigi nvestit minn din il-Qorti u l-ewwel wiehed li jirrigwarda n-nullita' tal-proceduri tal-estradizzjoni quddiem il-Qorti Rimandanti w dan anki ghaliex jekk dan l-aggravju jitqies li hu gustifikat, ma jkunx hemm lok li din il-Qorti tiddeciedi dwar it-tieni aggravju .

Illi il-fatti li qed jaghtu lok ghal din l-eccezzjoni huma s-segwenti :- Fl-20 ta' Novembru, 2002, l-Ispetturi Harrison u Ciappara pprezentaw taht arrest lil Romeo Bone u talbu fid-dokument tal-prezentata lill-Qorti Rimandanti sabiex tipprocedi fil-konfront tieghu skond il-Kap.276 i.e. l-Att dwar l-Estradizzjoni . Huma esebew mall-atti tal-prezentata Mandat ta' Arrest Provizorju mahrug mill-Magistrat kif ukoll id-dokumentazzjoni opportuna li giet trasmessa mill-awtoritajiet Taljani u dana fuq reati kommessi ma ohrajn in konnessjoni mall-importazzjoni mill-Olanda lejn Catania , fi Sqallija , ta' medicini perikoluzi , precizament cocaine u marijuana (Fols 1 sa 34 tal-process) . Fl-istess jum u cioe' 20 ta' Novembru, 2002, sar l-ezami ta' Romeo Bone minn Magistrat iehor (fol. 35) . Fis-26 ta' Novembru, 2002, Romeo Bone deher quddiem il-Qorti Rimandanti diversament preseduta li tat zmien sal-10 ta' Dicembru, 2002 biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-procediment u ddifferiet l-kaz ghall-11 ta' Dicembru, 2002. (fol. 36) . F'dik id-data l-Qorti Rimandanti preseduta mill-Magistrat li kien hareg il-Mandat ta' Arrest Provizorju, iddecidiet li, billi dik il-Qorti kienet ordnat il-hrug tal-mandat t' arrest provizorju kontra l-imputat (Sic!) , in vista ta' dak li ssottomettiet id-difiza, tirrikuza ruha w baghtet l-atti lir-Registratur tal-Qorti sabiex il-kaz jigi assenjat lil dik il-Qorti diversament preseduta skond il-ligi. Gara pero' li fid-19 ta' Dicembru, 2002, Romeo Bone rega' deher quddiem l-istess Qorti u din, wara li semghet sottomissjonijiet ulterjuri , ddecidiet li tisma' l-kawza hi billi kuxjenzjozament ma kienetx thoss li billi iffirmat il-mandat t' arrest provizorju , kienet ser tkun influewnzata b'xi mod fuq il-kaz. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Jannar , 2003, sabiex tigi prezentata l- "authority to proceed". (fols. 37 sa 39) . Sa dan l-istadju ma kienu ghadhom instemghu ebda provi .

Fis-seduta tad-9 ta’ Jannar, 2003 , giet esebita l-“authority to proceed” skond l-artikolu 13 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni u dokumenti mibghuta mill-Qorti ta’ Catania w beda’ jixhed l-Ispettur Neil Harrison. Izda fuq suggeriment ta’ Dr. Joseph Giglio ghall-Romeo Bone (Fols. 98 u 99), gie deciz li tigi annessa kopja tax-xiehda li l-Ispettur Harrison kien gja ta fi proceduri ohra kontra Romeo Bone u ohrajn fil-kumpilazzjoni “Il-Pulizija. vs. Mario Camilleri et” u li din il-kopja kellha tigi pprezentata fis-seduta tat-22 ta’ Jannar, 2003 (fol. 101), ghall-liema data giet differita l-kawza .

Minkejja li fl-20 ta’ Jannar, 2003, skada l-periodu li fih skond l-artikolu 15 (4) tal-Kap.276 u l-artikolu 401 tal-Kodici Kriminali kellha tinghalaq “il-kompilazzjoni” , ma jirrizulta li intalbet ebda proroga mill-President tar-Repubblika, minkejja li seta’ anki sar accenn ghall-htiega ta’ tali proroga mill-Prosekutur Dottoressa Frendo Dimech (Ara. Fol. 201 – trattazzjoni tal-istess avukatessa) .

Fit-22 ta’ Jannar, 2003, WARA li kien gja skada t-terminu fuq imsemmi, giet inserita il-kopja tax-xiehda tal-Ispettur Harrison moghtija fil-process l-iehor f’ dan il-process (fol. 105 sa 135) u giet trattata talba ta’ Romeo Bone ghall-helsien mill-arrest . Il-kaz gie differit ghas-27 ta’ Jannar, 2003. (fol. 104) . Dak in-nhar kull ma sar kien li inghata digriet dwar il-liberta’ provizorja u l-kaz rega’ gie differit ghall-5 ta’ Frar, 2003.

Fil-5 ta’ Frar, 2003, Il-Qorti regghet giet mitluba li tirrikonsidra t-talba ghall-helsien mill-arrest li kienet giet michuda bid-Digriet fuq imsemmi, w ingabu w nstemghu xi provi li jirrigwardaw biss din it-talba. Intalab differiment qasir mill-Posekuzzjoni biex ikunu jistghu jingiebu provi ohra li kienu jiffurmaw parti mill-process l-iehor li kien qed jinstema quddiem Magistrat differenti. (fol. 145 sa 166 tal-process) Il-kaz gie differit ghall-11 ta’ Frar, 2003 u sa dan l-istadju ma kienet intalbet ebda proroga.

Fil-11 ta’ Frar, 2003 rega xehed l-Ispettur Harrison u esebixxa xi dokumenti . Fis-seduta tad-19 ta’ Frar, 2003 ma sar xejn u l-kaz gie differit ghas-26 ta’ Frar, 2003. Dak

in-nhar xehed l–Ispettur Harrison . Dr. Giglio ghal Romeo Bone ezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda dwar l-awtenticita’ tad-dokumenti esebiti w l-Prosekuzzjoni iddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha. Saret it-trattazzjoni dwar il-mertu (Fol.181 sa 233) u kien hawn li, ghall-ewwel darba, d-difiza ssollevat il-kwistjoni tan-nullita’ tal-procedura minnhabba li l-Qorti ma kienetx talbet id-debita proroga mill-President. Il-kaz gie differit ghas-sentenza dwar din l-ewwel eccezzjoni tad-difiza , cioe’ tan-nullita’ ghall-ghada, 27 ta’ Frar, 2003. (fol. 176-177) .

Pero’ f’din id-data peress li l-Qorti Rimandanti riedet aktar zmien , il-kaz gie differit mill-gdid ghas-sentenza ghall-11 ta’ Marzu, 2003, wara li regghet saret talba mill-gdid ghall-helsien mill-arrest li intlaqghet (Fol. 235 sa 239) .

Sadattant pero’ fit-28 ta’ Frar, 2003, Romeo Bone, bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tieghu tan-nullita’, esebixxa b’nota kopja tal-akkuza originali w z-zieda li saret fl-akkuza tieghu fil-kompilazzjoni pendenti quddiem Qorti ohra (Fols. 242 sa 250) .

Fil-11 ta’ Marzu, 2003, sar differiment ghall-ghada 12 ta’ Marzu w dak in-nhar inghata Digriet li bih il-Qorti Rimandanti , “wara li semghet it-trattazzjoni bil-fomm li fiha d-difensur ta’ Romeo Bone ressaq l-eccezzjoni tan-nullita’ ta’ dawn il-proceduri billi qatt ma intalbet proroga skond l-artikolu 15 (4) ta’ l-Att dwar l-Estradizzjoni” , baghatet l-atti lill-Avukat Generali (Fols. 260-261);

Fit-18 ta’ Marzu, 2003, l-Avukat Generali talab lill-Qorti Rimandanti li , peress li mill-atti tal-proceduri ta’ estradizzjoni kien jidher li l-Qorti Rimandanti ma ddecidietx jekk hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-estradand jitregga lejn il-pajjiz rikjedenti u cioe’ lejn l-Italia kif rikjest mill-artikolu 15 (3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, u per konsegwenza l-atti tal-procedura tal-estradizzjoni huma difettuzi ghat-tenur tal-artikolu 432 (2) tal-Kodici Kriminali , tibda mill-gdid il-proceduri w taghaqhom fi zmien hamest ijiem tax-xoghol billi tiddeciedi w tipprocedi kif previst fl-artikolu 15 (3) tal-Att imsemmi. (fol-262 u 263 kopja)

Meta l-kaz rega deher quddiem il-Qorti Rimandanti fil-21 ta’ Marzu, 2003 , id-difensur ta’ Romeo Bone irrileva li f’ dawn il-proceduri l-artikolu 432 ma kienx applikabbli stante li fl-istadju li kienu waslu fih il-proceduri l-process ma setax jintbaghat ghand l-Avukat Generali u ghalhekk talab li l-Qorti Rimandanti tghaddi biex taghti d-decizjoni fl-ewwel lok fuq l-aspett tan-nullita’ tal-proceduri u fit-tieni lok u f’kaz biss illi dik il-Qorti thoss li dawk il-proceduri ma kienux nulli, tiddeciedi fuq il-”prima facie” ragunijiet ghat-treggiegh lura o meno.

Il-Prosekuzzjoni pero’ , filwaqt li ikkondividiet li kellha tittiehed decizjoni fuq iz-zewg kwistjonijiet dwar nullita’ sollevati mid-difiza, tablet lill-Qorti sabiex terga tisma kollox mill-gdid entro t-terminu ta’ hamest ijiem u tiddeciedi jekk l-estradand kellux jitregga’ lura u dana sas-26 ta’ Marzu, 2003. Id-difensur , Dr. Giglio pero’ baqa’ jsostni li l-periodu ta’ hamest ijiem ma kienx applikabbli proprju ghaliex l-artikolu 432 tal-Kap.9 ma kienx japplika ghal kaz odjern. (fol. 264-265)

Meta l-kaz rega deher quddiem il-Qorti Rimandanti fil-25 ta’ Marzu, 2003 , kompliet is-saga u gie trattat rikors li sadattant kien gie prezentat mill-Kummissarju tal-Pulizija tal-24 ta’ Marzu, 2003, fejn il-Qorti Rimandanti giet mitluba li terga tisma l-provi kollha bl-urgenza , bla pregudizzju ghall-validita’ o meno tar-rinviju msemmi w biex tigi appuntata minnufieh seduta anki sabiex ir-rapport tal-Ispettur bil-gurament u l-ezami tal-estradand ikunu jistghu isiru.(Fol. 271) Il-Qorti laqghet it-talba b’Digriet tal-25 ta’ Marzu, 2003 u appuntat seduta ghal dak in-nhar stess ghall-fini ta’ dak mitlub fir-rikors. (Fol. 272) .

Allura l-Ispettur Harrison u l-Ispettur Ciappara regghu qraw ir-rapport bil-gurament fil-prezenza tal-estradand u d-difensur tieghu (fol. 269) u rega sar l-ezami mill-gdid tal-estradand (Fol.269 u 273) li wiegeb ghad-domandi bla pregudizzju .

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx qed jinsisti li jergghu jinstemghu il-provi kollha li lahqu instemghu f’dawn il-

proceduri jew jekk kienx qed jaghti ezenzjoni lill-Prosekuzzjoni mill-htiega li jergghu jinstemghu il-provi, d-difensur , Dr. Giglio iddikjara ghal darba' ohra li, fil-waqt li dak li kien qieghed isir illum m'huwiex konformi ma l-Att dwar l-Estradizzjoni u ghalhekk ikompli jzid ma l-aspetti ta' nullita' ta' dawn il-proceduri, dejjem b'sens ta' rispett lejn id-Digriet tal-Qorti ta' dak in-nhar stess u ghall-finijiet tal-praticita' kien qed jezenta lill-Prosekuzzjoni mill-htiega li jergghu jinstemghu l-provi ghalkemm emfasizza li tali ezenzjoni kienet superfluwa ghaliex l-artikolu 432 ma japplikax.

Il-kaz gie differit ghall-ghada meta umbaghad inghatat id-decizjoni appellata.

Din il-Qorti hasset li kellha tirriepiloga is-sekwenza tal-istadji proceduarli sabiex wiehed ikun jista' jkun f'pozizzjoni w perspettiva ahjar  li jevalwa l-eccezzjoni tan-nullita' .

Illi ma hux kontestat li l-Qorti Rimandanti ma talbitx proroga mill-President ta' Malta sabiex tkun tista' tissokta bil-gbir tal-provi f' dan il-kaz, wara l-20 ta' Jannar, 2003, meta kellu jiskadi l-ewwel periodu tal-gbir tal-provi ta' xaharejn skond l-emendi li saru ghall-artikolu 15 (4) tal-Kap. 276 bl-Att III tas-sena 2002, u li huma applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi l-Prosekuzzjoni kienet konsapevoli mill-htiega li tintalab tali proroga u jidher li anki accennat ghaliha jekk wiehed ghandu joqghod fuq it-trattazzjoni ta' Dr. Frendo Dimech . Jidher li bi zvista din il-proroga baqghet ma intalbitx. L-ewwel kwistjoni li tqum hi jekk dan jirrendix kull ma lahaq sar null .

Il-Qorti wara li studjat in-noti assennati tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza w rriflettiet fit-tul dwar din l-eccezzjoni , hija tal-fehma li ladarba hawn si tratta ta' provvediment ta' ordine pubblico, n-nuqqas ta' osservazzjoni ta' tali dispozizzjoni irid bil-fors ikun akkompanjat minn xi effetti u sanzjonijiet . Jekk il-legislatur hass li ghandu jaghmel riferenza espressa ghat-termini kontenuti fl-artikolu 401 tal-Kodici

Kriminali ghall-eghluq tal-kompilazzjoni w jestendihom billi fil-fatt irduppjhom fit-tul taghhom , dan wiehed jifhem li ma sarx ghal xejn , imma ghax il-legislatur ried li tali proceduri ma jdumux ikarkru fit-tul inutilment u ried jasskura certa speditezza fil-mod kif dawn il-proceduri jigu kondotti w konkluzi , b’dana pero’ li zmien allokat ikun id-doppju ta’ dak normalment applikabbli f’ kaz ta’ kompilazzjoni. Ovvjament wiehed jifhem li fi proceduri tali jista’ jkun hemm htiega ghall dan minhabba li xi provi jkunu jridu jigu ricevuti minn barra minn Malta u ghalhekk jiehdu certu zmien u minhabba cirkostanzi specjali w partikolari ghal dawn il–proceduri ta’ estradizzjoni. Pero’ dan mhux bla terminu u bla ebda kontroll ghaliex wara kollox hemm ukoll id-dritt tal-estradand li jrid jigi imhares .

Issa huwa minnu ukoll li ghalkemm l-artikolu 15 (1) tal-Kap. 276 jiddisponi li persuna arrestata bis-sahha ta’ mandat skond l-artikolu 14 tal-att ghandha titressaq malajr kemm ikun pratikabbli u f’ebda kaz aktar tard minn tminja u erbghin siegha mill-arrest taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ kumpilazzjoni li ghandu jkollha ghall-finijiet tal-procedimenti skond dak l-artikolu l-istess setghat , SAFEJN JISTA’ JKUN (emfasi tal-Qorti) kif l-imsemmija Qorti ghandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel , mhux id-dispozizzjonijiet kollha applikabbli ghall-kumpilazzjonijiet normali japplikaw fil-kaz tal-proceduri ta’ estradizzjoni . Ghalhekk wiehed ma jistax jaqa’ awtomatikament fuq analogija ma dak li jigri f’ xi kaz analogu f’kompilazzjoni hekk imsejjha “normali” . Hu ovvju li r-regoli ta’ ligi li jirregolaw il-kompilazzjonijiet u li ma japplikawx ghal kaz tal-estradizzjoni ma ghandhomx japplikaw f’ dan il-kaz.

Ghalhekk kull analogija ma l-kazijiet tassattivi li jwasslu ghan-nullita’ tal-Att tal-Akkuza kif ippruvat taghmel il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni w n-nota taghha w l-argument “a contrario sensu” li allura dak li ma jwassalx ghal nullita‘ tal-att tal-akkuza minhabba difett fil-kumpilazzjoni , ukoll ma jimportax in-nullita’ tal-proceduri fil-kaz ta’ estradizzjoni , ma treggix.

L-istess l-argument li in-nullita’ trid tkun espressa f’ xi artikolu tal-ligi , ghall-inqas fil-kamp kriminali , ma jreggix , ghax kif ben issottomettiet id-difiza fin-nota assennata taghha , hemm hafna dispozizzjonijiet li ma jsemmux in-nullita’ espressament , izda li n-non-osservanza taghhom twassal ghan-nullita’ ta’ xi att procedurali skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Taghna. Ezempji ta’ dan huma n-nuqqas tal-ipprezentar ta’ rikors tal-appell minn sentenza tal-Qrati tal-Magistrati entro t-terminu ta’ “otto giorni lavorattivi” li indubbjament iwassal ghall-irritwalita’ w n-nullita’ tal-istess rikors tal-appell, kazijiet ta’ difetti fl-ifformular tat-talba fl-istess rikors jew kazijiet meta isir appell bla ma tkun intalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza. F’dawn il-kazijiet kollha u dawk elenkati mid-difiza fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha ,l-Qrati Taghna regolarment jiddikjaraw in-nullita’ ghalkemm din ma hija mkien preskritta espressament f’ xi artikolu tal-ligi.

Ghalhekk biex it-terminu inserit fil-ligi bl-emendi tas-sena 2002, ikollu xi utilita’ , irid bil-fors ikun akkompanjat minn sanzjoni w din is-sanzjoni fil-fehma tal-Qorti ma tistax tkun hlief in-nullita’ tal-proceduri.

Din il-Qorti ezaminat ukoll in-Nota t’Osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-4 ta’ Marzu, 2003 u ma taqbilx mas-sottomissjoni kontenuta fl-ahhar parti taghha w cioe’ li t-terminu imsemmi fl-artikolu 15(4) japplika biss ghall-istadju tal-gbir tal-provi w mhux ukoll ghad-decizjoni tal-Qorti Rimandanti . Illi hu minnu li l-artikolu 15 (3) ma jsemmi ebda terminu , pero’ dan jissemma fis-sub-inciz li jsegwieh immedjetament. Issa jekk hawn wiehed irid jaghmel xi analogija ma dak li jigri f’kumpilazzjoni normali , il-kompilazzjoni tinghalaq entro t-terminu ta’ xahar mhux biss bil-waqfien mill-gbir tal-provi imma ukoll bid-decizjoni tal-Qorti Istruttorja “jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’akkuza . Fl-ewwel kaz , il-Qorti , tibghat l-imputat biex jitqieghed taht dak l-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali , u , fit-tieni kaz , tordna l-liberazzjoni tieghu .” (Art. 401 (3) , Kap.9) . Din id-decizjoni ahharija hija konsimili ghal dik li trid tiehu l-Qorti Rimandanti skond l-artikolu 15 (3) . Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti , meta l-

ligi tghid li l-proceduri jridu jinghalqu fi zmien xaharejn jekk ma tigix mitluba w ottjenuta proroga mill-President ta' Malta , dan l-eghluq irid jinkludi decizjoni skond l-art. 15 (3) u mhux semplicement sospensjoni tal-gbir tal-provi. Inkella jista' jkollok l-eventwalita' li l-gbir tal-provi f'kaz ta' estradizzjoni jinghalaq entro t-terminu ta' xaharejn jew, jekk prorogat , f' mhux aktar minn sitt xhur, umbaghad iddum ma tittiehed decizjoni finali dwar it-treggiegh lura s-snin. Sitwazzjoni din li zgur li l-ligi riedet tevita a kwalunkwe kost !

Il-fatt umbaghad li tali proroga trid tintalab mill-oghla awtorita' fil-pajjiz u cioe' l-kap tal-istat Malti , jindika kemm hija sinifikattiva w importanti tali proroga w li ghalhekk wiehed ma jistax jiddispensa minnha qiesu ma gara xejn.

Illi mitluba biex ticcita xi gurisprudenza fejn gie ritenut li f'kompilazzjoni normali , fejn ma tkunx intalbet proroga a tenur tal-artikolu 401 , ma jkunx hemm nullita' , l-Prosekuzzjoni ma ccitat ebda precedent f' dan is-sens.

Illi l-argument tal-Avukat Generali bazat fuq l-artikolu 432 ma jreggix . Fl-ewwel lok hawn non si tratta ta' kaz fejn il-Qorti Istruttorja ma tkunx tablet u ottjeniet proroga izda huwa kaz ta' terminu li fih l-Avukat Generali jrid jipprezenta l-Attt tal-Akkuza kif mahsub fis-subinciz (1) . Lanqas hu kaz fejn l-Avukat Generali ma jitlobx lill-Qorti li dan it-terminu ta' xahar jigi imgedded ghall-hmistax il-jum iehor jew mill-President ta' Malta ghall-hmistax il-jum iehor , izda kaz fejn wara li l-Avukat Generali minkejja li jkun ottempera ruhu mal-ligi u talab u ottjena dawn l-estensjonijiet u rega talab jew ottjena zmien itwal ulterjuri , dan iz-zmien itwal ulterjuri jaqbez l-erbghin jum . Igifieri hawn l-Avukat Generali ikun osserva t-termini kollha u ottjena l-estensjonijiet kollha possibbli izda l-ahhar estemsjoni tkun taqbez l-erbghin jum . Allura f'dan il-kaz il-Qorti tipprovdi li l-konsegwenza tkun li l-imputat ikollhu d-dritt li jigi mehlus mill-arrest that garanzija. Mela f'dan il-kaz non si tratta ta' xi non-ottemperanza mat-termini stipulati espressament mill-ligi , izda biss salvagward tad-dritt tal-imputat ghall-helsien mill-arrest meta l-Avukat

Generali jottjeni terminu itwal minn erbghin jum ghall-prezentata tal-att tal-akkuza .

Fit-tieni lok , l-artikolu 432 jittratta dejjem il-kaz ta' kompilazzjoni normali fejn wara l-eghluq taghha l-Avukat Generali ikun irid johrog att tal-Akkuza u dan zgur li mhux il-kaz hawnhekk , ghax l-Avukat Generali ma ghandu ebda funzjoni taht il-ligi specjali tal-estradizzjoni , hlief li jappella minn decizjoni tal-Qorti Rimandanti li tichad it-talba ghat-treggiegh lura . F'dik l-eventwalita' biss l-Avukat Generali jidhol in xena u jintbaghat lilu l-process . Lanqas meta jappella l-estradand ma jintbaghat lilu l-process imma dan jintbaghat biss lir-Registratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali w l-Avukat Generali jigi notifikat biss bir-rikors tal-appell tal-estradand.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti id-dispozizzjoni tal-art. 432 ma tghinx lit-tezi tal-Avukat Generali f' dan il-kaz.

Kif l-istess ma tghinx lill-Prosekuzzjoni kull riferenza li saret ghall-artikolu 602 tal-Kap.9 li jittratta l-kaz ta' meta l-Avukat Generali ma jipprezentax l-att tal-akkuza fiz-zmien li jmissu bla ma jkun ottjena l-estensjonijiet permessi bil-ligi fl-artikolu 432 (2) u fejn allura l-akkuzat jista' jitlob lill-Qorti li tilliberah . Hawn non si tratta ta' att ta' akkuza w ghalhekk l-analogija ma treggix .

Ghalhekk ukoll din il-Qorti tirritjeni li n-nuqqas ta' proroga kellu jwassal ghan-nullita' tal-proceduri odjerni u l-Qorti Rimandanti, rinfaccjata b'din l-eccezzjoni , immissha ppronunzjat ruha minnufieh f'dak is-sens u mhux batet l-atti ghand l-Avukat Generali kif ghamlet .

Minnflok, il-Qorti Rimandanti hasset li kellha tibghat l-atti lill-Avukat Generali bla ma tat decizjoni la fuq l-eccezzjoni tan-nullita' in dizamina w inqas u inqas fuq il-mertu tat-talba ghall-estradizzjoni kif kellha taghmel skond l-artikolu 15 (3) .

L-Avukat Generali ma setax ma jinnotax it-tieni nuqqas u fil-waqt li njora l-eccezzjoni tan-nullita' minnhabba nuqqas ta' proroiga w l-mertu taghha , rega' rrinvija l-atti lill-Qorti

Rimandanti imma BISS ghar-raguni ta’ difett ghax il-Qorti kienet irrinvijat minghajr ma tat id-decizjoni taghha fuq il-mertu tat-talba ghall-estradizzjoni kif appena intqal .

Din il-Qorti taqbel mall-Avukat Generali li l-Qorti Rimandanti ma jmissiex baghtet l-atti lill-Avukat Generali imma mhux biss ghar-raguni nvokata minnu fin-nota tar-rinviju , imma ukoll u principalment ghaliex il-Qorti Rimandanti ma kellha ebda jedd li tibghat l-atti ghand l-Avukat Generali . Dan il-poter ma johrog bl-ebda mod la mill-Kap.276 u inqas u inqas mill-artikolu 401 (2) u (3) jekk dawn huma b’xi mod applikabbli ghall kaz tal-estradizzjoni. Di fatti l-uniku kaz fejn l-atti processwali iridu jintbaghtu ghand l-Avukat Generali skond il-Kapitolu 276, kif gja ntqal, hu dak specifikatament imsemmi fl-artikolu 19 (1) u cioe’ meta l-Qorti Rimandanti tkun iddecidiet li it-treggiegh lura tal-persuna li jkun mitlub MA JISTAX ISIR (emfasi ta’ din il-Qorti) li lanqas mhu il-kaz in dizamina. Oltre r-raguni nvokata mill-Avukat Generali hu jmissu irrileva wkoll li l-procedura kienet irritwali w mhux imsejsa fuq u imsahha bil-ligi . Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti anki dan l-att procedurali da parti tal-Qorti Rimandanti kien wiehed null u “quod nullum est nullum producit effectum” .

Ghalhekk l-Avukat Generali ma setax jirrinvija kif ghamel u jitlob li kollox jinstema’ mill-gdid entro t-terminu ta’ hamest ijiem ghax l-artikolu 432(2) mhux applikabbli ghal kaz , u dana ghax l-atti qatt ma suppost kienu qeghdin ghandu “in primo luogo” u meta ntbaghtu ghandu kien diga ghadda it-terminu sabiex tinghalaq il-procedura u fl-assenza tal-proroga skond il-ligi , dan kien jirrendi l-proceduri gja nulli u mhux sanabbli bis-semplici espedjent tar-rinviju bit-talba li jsir kollox mill-gdid, kif sar .

Illi umbaghad anki kieku in-nuqqas ta’ proroga ghall-grazzja tal-argument ma gabx nullita’ w il-procedura segwita mill-Qorti Rimandanti, meta batet l-atti ghand l-Avukat Generali u mill-Avukat Generali meta rrinvija l-atti lill-Qorti Rimandanti ma kienux nulli fihom infushom , id-difett accettat mill-istess Avukat Generali fir-rigward tan-nuqqas tal-Qorti Rimandanti li tiddeciedi fuq il-prima facie

, ma setax jigi sanat bil-mod li sar u cioe' bl-espedjent li jsir kollox mill-gdid fuq l-istess atti . Dana ghaliex skond l-artikolu 98 tal-Kap. 12 , rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 520 (1) (d) tal-Kap.9 , l-atti gudizzjarji , maghmula bis-sahha ta' att null jew li gejjin minn att null , huma ukoll nulli. U ghalkemm l-artikolu sussegwenti 99 jghid li l-att null jista' jsir mill-gdid, izid jghid li dana hu possibbli biss jekk ma jkunx ghadda z-zmien perentorju li fih ghandu jsir .

Issa fil-kaz in ezami , l-artikolu 15 (1) tal-Kap.276 jiddisponi li persuna arrestata bis-sahha ta' mandat skond l-artikolu 14 titressaq malajr kemm ikun pratikabbli u f'ebda kaz aktar tard minn 48 siegha mill-arrest taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' kumpilazzjoni u imsejjha l-Qorti Rimandanti. Peress illi l-mandat t' arrest provizorju kien inhareg darba wahda biss u cioe' fl-14 ta' Novembru, 2202, u wiehed ghandu jifhem li ghall-inqas gie esegwit sad-data tal-ewwel dehra quddiem il-Qorti fl-20 ta' Novembru, 2002, suppost li jekk kollox kien ser jibda mill-gdid , ma riedx ikun hemm aktar minn 48 siegha mil-hin tal-arrest skond l-istess mandat u l-ewwel dehra quddiem il-Qorti Rimandanti . Dan it-terminu perentorju ovvjament kien ilu li skada meta l-Qorti Rimandanti ddecidiet li terga tisma kollox mill-gdid – pero' fuq l-istess mandat t' arrest - fil-25 ta' Marzu, 2003 , u ghalhekk ir-rimedju kontemplat fl-artikolu 99 tal-Kap.12 ukoll rez applikabbli ghall-proceduri penali bl-imsemmi artikolu 520 (1) (d) ma kienx ghadu fattibbli u biex kollox ikun regolari suppost li kellu jinhareg mandat t' arrest provizorju gdid – haga li ma saritx !

Ghal dawn il-motivi jidher li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ben fondat u li l-proceduri ghall-estradizzjoni tieghu kienu vizzjati b'difett li ma setax jigi sanat kif sar mill-Qorti Rimandanti wara r-rinviju irritwali tal-Avukat Generali .

In vista ta' din il-konkluzzjoni , din il-Qorti ma tarax li hu mehtieg u opportun li f'dan l-istadju , tippronunzja ruha dwar it-tieni aggravju , anki biex ma tkunx esprimiet ruha minn qabel f'kaz li terga tigi istitwita "ab ovo" xi procedura

ghat-treggiegh lura tal-estradand li dwarha jista' jigi intavolat xi appell quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-estradand Romeo Bone u wara li tiddikjara li l-ewwel aggravju tieghu dwar in-nullita' tal-proceduri hu ben fondat , tiddikjara li l-proceduri fl-ismijiet fuq premessi li saru fil-konfront ta' Romeo Bone u li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fis-26 ta' Marzu, 2003, huma nulli u konsegwentement minghajr ebda effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------